**IEQAF u AĦSEB**

## *Regina Caéli – Sultan tas-sema ifraħ*

- Din it-talba tfakkar il-Misteru tal-Qawmien tal-Mulej Ġesù minn bejn mill-imwiet u tintuża l-aktar bħala għeluq għat-talba tal-Kumpieta fil-Liturġija tas-Siegħat.
- L-oriġini tagħha mhux magħruf. Biss tiġi attribwita lil 2 Papiet partikulari: San Girgor il-Kbir u Papa Gregorju V.
- Hemm leġġenda marbuta ma' San Girgor il-Kbir li tgħid li sema' l-anġli jkantaw l-ewwel 3 linji f'għodwa tal-Għid ġewwa Ruma waqt li kien miexi ħafi f'purċissjoni kbira wara l-Madonna mpittra minn San Luqa evanġelista. Jingħad li ġie ispirat u żied ir-raba' vers.
- Insibu diversi melodiji (kemm sempliċi u kemm elaborati) li huma assoċjati ma' din it-talba. Iżda l-melodija orġinali, jew aħjar tipika, tinstab fl-Antifonarju tal-Vatikan.
- Fis-seklu XVI, kienu diversi l-kompożituri li adattaw il-vrus għall-polifonija. Insibu ukoll 3 biċċiet mużika differenti komposti minn Mozart meta kien għadu żgħir: K.108, K.127, u K.276.
- Fis-sena 1724, il-Papa Benedittu XIV ordna li t-talba tar-***Regina Caéli*** tibda tingħad minflokk l-*Angelus* fi Żmien l-Għid, jiġifieri minn Ħadd il-Għid sa' Pentekoste.

Regina caéli, laetare,
alleluia:
Quia quem meruisti portare.
alleluia,
Resurrexit, sicut dixit,
alleluia,
Ora pro nobis Deum,
alleluia.
Gaude et laetare, Virgo Maria,
alleluia.
Quia surrexit Dominus vere,
alleluia.

*Oremus:*
Deus, qui per resurrectionem Filii tui,
Domini nostri Iesu Christi,
mundum laetificare dignatus es:
praesta, quaesumus;
ut per eius Genetricem Virginem Mariam,
perpetuae capiamus gaudia vitae.
Per eundem Christum Dominum nostrum.
Amen.

Sultana tas-sema, ifraħ:
Hallelujah.
Għaliex dak li stħaqqlek tkun ommu:
Hallelujah.
Qam minn bejn l-imwiet kif kien qal:
Hallelujah.
Itlob 'l Alla għalina:
Hallelujah.
Ifraħ u thenna, Verġni Marija:
Hallelujah.
Għaliex il-Mulej qam tassew
minn bejn l-imwiet:
Hallelujah.

*Nitolbu:*
O Alla, bil-qawmien mill-imwiet ta'
Ibnek Ġesu' Kristu, Sidna,
għoġbok tferraħ id-dinja;
agħtina, nitolbuk, li b'Ommu l-Verġni
Marija, niksbu l-ferħ tal-ħajja ta' dejjem.
Bi Kristu Sidna.
Ammen.



*Disinn u Stampar: VeritasPress, Żabbar. Tel: 21 822 270*



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL SAFI

**Tel: 21649223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## TAĦFER IL-ĦTIJIET

***Att li ta' min niskopru mill-ġdid biex nevitaw neħlu f'tifsirijiet żbaljati***

Sa' mill-bidu ta' din ir-rifelssjoni tagħna, ejjew nammettu li l-Maħfra hija waħda mill-itqal opri tal-ħniena sabiex nipprattikawha. Normalment l-opri jsejjħulna biex naqsmu minn dak li jkollna, imma fid-dawl tal-maħfra, malajr nindunaw li n-natura tagħna ma tantx hija nklinata li nagħmlu dan. Is-sensi tagħna bħal donnhom ma jifhmux, ma jirrealizzawx li li wieħed jaħfer il-ħtijiet hija tassew utli għas-saħħa u l-ħajja tal-persuna. U dan minħabba l-fatt li l-maħfra ħafna drabi mhux biss tidher bħala dgħufija imma taf tinfthiem ħażin ukoll: hemm min iqis li l-maħfra tikkonsisti f'li wieħed jieqaf milli jesprimi emozzjonijiet negattivi dwar xi ħaġa li tkun ġratlu, jew dwar xi ħadd li jkun naqsu - jasal li ma jgħid xejn għax qisu ma ġara xejn. Oħrajn jaħsbu li l-maħfra hija ħidma li huma stess iridu jwettqu huma biss, bla ebda għajnuna ta' ħadd u ta' xejn.

### *Il-Maħfra mhijiex ġrajja imma hija proċess*

L-ewwelnett jenħtieġ li nagħrfu li l-Maħfra hija proċess, u mhux sempliċiment ġrajja ta' darba, jew mument wieħed. Fil-realtà din titlob ħiliet biex fina jikber impenn emozzjoni u spiritwali serju u kostanti, liema mpen jgħinn biex persuna tinfetaħ u tasal tagħraf il-maħfra bħala don minn Alla nnifsu. Għaldaqstant dan l-impenn, li għandu laqtiet diffiċli, jitlob minna ċertu ordni biex inkunu nistgħu nikbru fil-ħiliet biex il-maħfra nagħrfu nirċevuha u napprezzaw il-qawwa tagħha b'tali mod li nkunu nistgħu noffruha. U biex dan iseħħ jenħtieġ li nimxu fuq dawn il-passi b'dan l-ordni:-

1. *Nagħrfu li hemm il-ħtieġa tal-maħfra;*
2. *Nagħrfu niskopru u nesploraw l-effetti negattivi li persuna ħolqitilna bl-azzjonijiet tagħha;*
3. *Nagħrfu negħlbu kull indifferenza jew mill-banda l-oħra, kull rabja żejda, ħalli naslu nagħrfu l-valur ta' dak li ġie injorat, offiż jew imkasbar, u mbagħad nieħdu deċiżjoni biex neħilsu minn kull nuqqas.*

Hekk naslu biex nifhmu aħjar li l-maħfra hija li nċedu l-bżonn li nibdlu l-imgħoddi**.** Ovvjament, ma nistgħux nibdlu l-passat. Imma jekk ma naslux li naħfru jfisser li ser nibqgħu mwaħħlin fl-uġiegħ u r-rabja, li għalkemm wieħed jasal li jifhem il-preżenza tagħhom, ikollu jammetti wkoll li dawn kapaċi jmarrduna. Għaldaqstant, irridu, l-maħfra teħles kemm lil min tingħata maħfra u kemm lil min joffriha. Hekk, meta wieħed jonqos milli jaħfer mill-qalb, jispiċċa mgħobbi b'mażra kbira li toħnoq u tisraqna mill-ferħ u l-paċi li tant infittxu. B'hekk naslu nagħrfu li l-ewwel u qabel kollox il-maħfra hija għalina. Il-maħfra tagħtina ħelsien mit-toqol tar-rabja u l-weġgħat.

### *Il-Maħfra bħala Don tal-grazzja ta' Alla għalina*

Dan hu propju dak li Alla joffrilna meta jagħtina l-grazzja tal-maħfra: li ninħallu mix-xewqa li ħaddieħor ibati bħala tpattija għal dak li għamlilna. U biex dan iseħħ hemm bżonn nirċievu l-maħfra bħala don mingħand Alla u dan billi nikbru aktar fir-relazzjoni miegħU u fil-fiduċja li Hu jara u jaf kolllox. Hekk kif ir-relazzjoni tikber, u nagħrfu aktar ninfetħu għaliH billi nħallu

*ikompli f'paġna 2*

ħajjitna f'idejH, naslu li nakkwistaw il-qawwa li negħlbu kull deni u vjolenza, intenzjonati jew le, u dan bil-fiduċja u l-imħabba li jasal biex idewwaqna. Hekk il-maħfra naslu li niskopruha bħala l-ħidma ta' Alla fina, fejn Hu jaġixxi biex jeħlisna mill-effetti velenużi tal-imrar u tar-rabja li bosta drabi jakkumpanjaw il-ħsara li kellna niffaċċjaw u li jkomplu jaljenawna u jherrulna saħħitna u ħajjitna.

### *Il-Maħfra bħala Don li rridu naqsmuh ma' dawk ta' madwarna*

Hekk kif nsibu fil-Bibbja, l-aktar egħmil li Alla hu interessat fih, u jrid ukoll li aħna nagħrfu l-importanza tiegħu u nwassluha lill-oħrajn, speċjalment f'dan iż-żmien li fih qed niċċelebraw sena ta' Ġublew – li fl-Antik Testment kien żmien ta' meta kull dejn kien jiġi maħfur – hu l-Maħfra bla riservi: *"Imma jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, anqas Missierkom ma jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom."* (Mattew 6,15). Ġesù hu ċar ħafna f'dak li jixtieq mill-bniedem, speċjalment minn min irid jimxi fuq il-passi tiegħu. Pietru ħaseb li ser ikun ġeneruż bi kliemu billi ssuġġerixxa seba' darbiet, imma Ġesù wieġeb: *"Ma ngħidlekx sa seba' darbiet, imma sa sebgħa u sebgħin darba."* (Mattew 18,22). Hu jurina li l-Missier irid li aħna nkunu kapaċi *"naħfru lil xulxin minn qalbna"* (Mattew 18,35). U hawn hi l-itqal biċċa, fejn tassew naħbtu neħlu: li naħfru minn qalbna, jiġifieri b'rieda sħiħa, b'għażla favur il-persuna li tkun. Barraminhekk fit-talba li Ġesù għallimna, aħna nitolbu lil Alla biex jaħfrilna dnubietna *"bħalma naħfru lil min hu ħati għalina."* (Mattew 6,12). Jekk niflu sew dik it-talba ninnutaw li fiha punt ta' tluq importanti: il-maħfra hija don li irridu nitgħallmu nirċievu biex tassew inkunu kapaċi inwasslu lill-oħrajn. Fi kliem San Pawl, hekk kif kiteb lill-insara ta' Efesu: *"naħfru lil xulxin, bħalma Alla ħafer lilkom fi Kristu."* (Efesin 4,32). Kull darba li naraw il-Kurċifiss naraw kif Alla ħafer lilna fi Kristu – b'imħabba li tisboq kollox, tissaporti kollox, li ma tintemm qatt. Alla li jaħfer b'ġenerożità, sal-aħħar nifs ta' Ibnu. Mhux ta' b'xejn li Missirjiet il-Knisja kienu jenfasizzaw ban b'tali mod li waslu jgħidu li l-maħfra tad-dnubiet minn Alla kien miraklu akbar mill-ħolqien, għax ġiet tassew bi prezz għoli. F'dan id-dawl ta' min nirrealizzaw li nistgħu nibdew nimxu fit-triq li naħfru lill-oħrajn billi aħna stess nifthu qalbna għall-Ħniena ta' Alla. Meta, fiċ-ċelebrazzjoni regolari tas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni (il-Qrar), nduqu il-grazzja li tfejjaq u teħles tal-ħniena divina, imbagħad nkunu meħlusa li nitilqu l-weġgħat tal-imgħoddi u nkunu kapaċi naħfru u nirċievu maħfra. U l-ġest ta' maħfra tagħna għandu rwol qawwi fil-missjoni tar-Rikonċiljazzjoni tal-Knisja. Kristu u l-Knisja jaġixxu permezz tas-saċerdot biex jaħfer id-dnubiet, imma l-maħfra tiġi esperjenzata meta ssib persuni li jkunu daquha, kapaċi jgħixuha huma, u jagħrfu joffruha f'isem il-Mulej.

### *Għalfejn il-Maħfra hija opra spiritwali tal-ħniena?*

Ir-rabja, l-uġiegħ, is-sentimenti ta' vendetta u tpattija jeħdulna saħħitna, jimlewna bi stress u jgħerruna. Għaldaqstant meta nirċievu d-don tal-maħfra hija ħniena għalina għax niġu mserrħa minn dawn il-piżijiet. Saħħitna tista' timraħ f'affarijiet u għanijiet aħjar. Anke norqdu aħjar**!** U għax saħħitna ssib skopijiet ġodda, inkunu aktar liberi li nħobbu u nkunu miftuħa għall-oħrajn għax hekk iċ-ċiklu tar-rabja u l-vendetta li bosta drabi jifirdu familji, kommunitajiet u nazzjonijiet. Hija tassew opra ta' restawr li tgħaqqad dak li kien infired u ddgħajjef. Mhux ta' b'xejn San Tumas ta' Akwino sejjħilha *'il-perfezzjoni tal-karità'.*

**F'mumenti ta' ħsara kbira tkun diffiċċli biex nimxu għaliha u fiha;**
**imma bil-qawwa tat-talb u l-ħniena ta' Alla li tiltaqa' magħna, kapaċi naslu!**

Imma l-mistoqsija li żgur tibqa' tidwi għalina hija: *Imma aħna lesti li nemmnu u nifirħu bil-ħniena bla limitu ta' Alla lejna u lejn l-oħrajn?* Hija l-prattika li tagħti ħjiel għat-tweġiba u li tgħinna nissieħbu fil-ferħ ta' Missierna tas-Sema tant li tagħmilna nixbhuh.

***Dun David Farrugia***
Kappillan Ħal Safi





# Id-Djarju tal-Parroċċa – Mejju 2016

| | |
|---|---|
| Is-Sibt 30 ta' April | Fis-7:00pm - Kunċert tal-Għid mill-Kor 'Sine Macula' fil-knisja |
| Il-Ħadd 1 ta' Mejju | **Is-Sitt Ħadd tal-Għid** |
| Il-Ġimgħa 6 ta' Mejju | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar** |
| | Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom |
| | Fis-6:30pm - Quddiesa |
| | Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Is-Sibt 7 ta' Mejju | **Tifkira tal-Madonna ta' Pompej** |
| | Fil-11:15am - Rużarju |
| | Fil-11:30am - Quddiesa, li tagħlaq bis-Supplika lill-Madonna u tingħata il-Barka Sagramentali |
| Il-Ħadd 8 ta' Mejju | **It-Tlugħ tal-Mulej fis-Sema – Lapsi** |
| | Jum Dinji tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali ***– Jum l-Omm*** |
| | Fis-6:00pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(u mhux fil-knisja parrokkjali)* |
| It-Tnejn 9 ta' Mejju | **Festa ta' San Ġorġ Preca** |
| | Fis-6:30pm - Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali animata mill-membri tal-MUSEUM. |
| Il-Ħadd 15 ta' Mejju | **Għid il-Ħamsin – Pentekoste** |
| | Fit-8:15am - Quddiesa li fiha jiġu ppreżentati dawk li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof |
| Il-Ħamis 19 ta' Mejju | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| Il-Ħadd 22 ta' Mejju | **Solennità tat-Trinità Qaddisa** |
| | Fl-10:00am - Quddiesa li fiha tiġi ċċelebrata l-Ewwel Tqarbina |
| Il-Ħadd 29 ta' Mejju | **Solennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu** |
| | Fil-5:00pm – Adorazzjoni mmexxija mill-Kappillan. |
| | Fis-6:00pm – Quddiesa solenni bis-sehem tal-Kor *'Sine Macula'*. |
| | Fis-6:45pm – Purċissjoni bis-Santissimu Sagrament bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina. |



***Daħlu fil-ħajja ta' dejjem***
Carmen Xuereb



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Luca Borg
Lucas Camilleri



***Ingħaqdu fiż-Żwieġ***
Johann Ellul u Svetlana Bartolo